MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2010

Numru 225/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**VS**
**WILLIAM CHARLES MERCHANT**
**SHARLON BUGEJA**
**KIRSTEN ATTARD**
**LYDON XERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati William Charles Merchant ta’ 19-il sena, iben William Darren u Marylou nee’ Briffa, imwieled l-Ingilterra nhar it-28 ta’ Novembru 1990, residenti gewwa Silverstone Apartments, flat 2, Triq il-Mixtla,Attard u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 107996(M); Sharlon Bugeja ta’ 18-il sena, iben David u Silvana nee’ Armeni, imwieled il-Pieta’ nhar it-8 ta’ Ottubru 1991, residenti gewwa 28 Kennedy House, Triq l-Oratorju, Gharghur u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’

bin-numru, 516991(M); Kirsten Attard ta' 17-il sena, iben il-missier mhux maghruf u Lorraine Sylvia Pullicino nee' Attard, imwieled il-Pieta' nhar id-9 ta' Novembru 1992, residenti gewwa Entratura D, Appartament numru 6, Triq Guzeppi Maria Pugliesevich, Imsida, Swatar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 555492(M); Lydon Xerri ta' 16-il sena, iben Carmel u Mary nee' Aquilina, imwieled Haz-Zabbar nhar it-8 ta' Dicembru 1993, residenti gewwa Josef House, Triq Viani, Sliema u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 7294(M).

Illi huma akkuzati talli:

F'xi gurnata bejn l-20 ta' Frar 2010 u l-25 ta' Frar 2010, f'hin matul il-lejl, minn gewwa residenza Sussex House, appartament numru 22, Triq l-Ibragg, Ibragg, flimkien ma' persuna ohra, ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Alex u Audrey Burns mill-Iskozja u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli f'xi jum fi Frar 2010, f'hin matul il-lejl, gewwa Triq it-Torri kantuniera ma' Triq il-Kbra, Balluta, flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputati u li kieku gie esegwit kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

U aktar talli f'xi jum fi Frar 2010, f'hin matul il-lejl, gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputati u li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u

dan ghad-detriment ta’ pesuna jew persuni mhux maghrufa;

U aktar talli bejn ix-xhur ta’ Jannar 2010 u Frar 2010, xjentement f’Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhu jew imexxu dawn l-oggetti.

<u>Lil William Charles Merchant u Kirsten Attard wahidhom</u>:

Talli f’xi jum fi Frar 2010, f’hin matul il-lejl, minn gewwa WaterGate Flats, Triq Victor Denaro, Imsida, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommettew serq ta’ oggett, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bil-lok, u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

<u>Lil William Charles Merchant, Kirsten Attard u Sharlon Bugeja wahidhom:</u>

U aktar talli nhar il-25 ta’ Frar 2010 , ghall-habta ta’ 2:30 ta’ filghodu, mill-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommettew serq ta’ *hand-bag*, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Juliana Galleo Munoz ta’ nazzjonalita’ Kolumbjana u persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew jqieghedu il-hajja ta’ Juliana Galleo Munoz f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Juliana Gallea Munoz ta’ nazzjonalita’ Kolumbjana;

<u>Lil William Charles Merchant wahdu:</u>

Talli fix-xhur ta’ Jannar 2010 u Frar 2010, f’diversi toroq fil-Gzejjer Maltin, saq vettura numru BAG679 tat-tip Skoda minghajr licenza tas-sewqan u b’hekk minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni.

U aktar talli kkommetta reat ta’ natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta’ priguneraja, fil-perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, imposta fuq b’sentenza datata id-29 ta’ Settembru 2008, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Nakkuzah ukoll talli huwa sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

<u>Lil Lydon Xerri wahdu:</u>

Talli f’xi jum bejn Jannar 2010 u Frar 2010, f’hin matul il-lejl, gewwa Tigne’, ikkommetta serq ta’ *mobile phone*, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Priscilla Ciantar mill-Gzira u persuna jew persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat William Charles Merchant;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat, William Charles Merchant, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Sharlon Bugeja;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat, Sharlon Bugeja, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Kirsten Attard;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat l-imputat, Kirsten Attard, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Lydon Xerri;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat l-imputat, Lydon Xerri, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat William Charles Merchant, hati skond l-akkuza, ghajr l-akkuza ta’ ricettazzjoni illi hija alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq, u wara li rat Artikoli 41(1)(a), 221, 261, 262(1)(b), 263, 264, 267 u 268 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundannah ihallas multa ta’ elfejn tlett mija u tletin euro (€2,330), u tqieghed lill-imputat William Charles Merchant taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

In oltre’, il-Qorti tiprojbixxi lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn din is-sentenza.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Sharlon Bugeja, hati skond l-akkuza, ghajr l-akkuza ta’ ricettazzjoni illi hija alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq, u wara li rat Artikoli 41(1)(a), 221, 261, 262(1)(b), 263, 264, 267 u 268 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tqieghed lill-imputat Sharlon Bugeja taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Kirsten Attard, hati skond l-akkuza, ghajr l-akkuza ta' ricettazzjoni illi hija alternattiva ghall-akkuzi ta' serq, u wara li rat Artikoli 37, 41(1)(a), 221, 261, 262(1)(b), 263, 264, 267 u 268 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat Kirsten Attard taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Lydon Xerri, hati skond l-akkuza, ghajr l-akkuza ta' ricettazzjoni illi hija alternattiva ghall-akkuzi ta' serq, u wara li rat Artikoli 37, 41(1)(a), 221, 261, 262(1)(b), 263, 264, 267 u 268 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat Lydon Xerri taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati, il-fedina penali nadifa tal-maggior parti ta' l-imputati ghajr ta' l-imputat William Charles Merchant, u l-fatt illi tnejn mill-imputati kienu maggiorenni, waqt illi z-zewg imputati l-ohra ghadhom kemm ottjenew l-eta' maggiorenni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------